

Id-9 ta' Diċembru 2015

It-teħid ta' deċiżjonijiet imsejjes fuq l-evidenza jeħtieġ dejta ta' kwalità għolja: l-istatistika hija ta' min jinvesti fiha

Fir-rapport tiegħu tal-2015 il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) ihegġegħ lill-gvernijiet biex jiżguraw li jkunu disponibbli r-riżorsi meħtieġa biex jissodisfaw id-domanda attwali għall-istatistika u, l-aktar importanti, biex jippermettu l-investiment fi żviluppi futuri. Martti Hetemäki, President tal-ESGAB, jgħid li "L-Unjoni Ewropea hija pjuttost unika, tant li l-politiki tagħha huma bbażati fuq statistika. Il-kwalità tal-istatistika Ewropea jeħtieġ li tiġi żgurata permezz tal-konformità ma' standards professjonali għoljin fl-Istati Membri kollha".

Il-politiki nazzjonali u dawk tal-UE jiddependu dejjem aktar fuq indikaturi statistiċi għall-monitoraġġ ta' miri kwantitattivi. Statistika uffiċjali affidabbli, imparzjali u ta' kwalità għolja hija għalhekk element essenzjali tal-infrastruttura tal-UE u tal-Istati Membri li teħtieġ investiment kontinwu. Huwa vitali li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jforu bir-riżorsi l-Eurostat u l-uffiċji nazzjonali tal-istatistika sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom għall-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja. Aktar trasparenza dwar l-ispejjeż għall-produzzjoni tal-istatistika għandha tnaqqas il-problema ta' "parasitiżmu" jiġifieri sitwazzjoni fejn ikun hemm sottoprovvista ta' beni pubbliċi minħabba li l-beni jistgħu jiġu kkonsumati bi ftit li xejn ħlas kontribwit għall-ispiża. Il-Eurostat u l-produtturi tal-istatistika nazzjonali li jibbenefikaw mill-baġit tal-Istat biex jiffinanzjaw il-beni pubbliċi għandhom ikunu kapaċi juru l-ispejjeż għar-riżultati tal-statistika u s-servizzi tagħhom, b'mod partikolari billi jiġu adottati sistemi effettivi ta' kontabbiltà tal-infiq.

Is-Sistema Statistika Ewropea (SSE) trid iżżomm kwalità għolja ta' statistika, filwaqt li tadatta għal bidliet rapidi fis-soċjetà. L-ESS qiegħda taffaċċja rivoluzzjoni kontinwa ta' dejta li qed toħloq sfidi għall-istatistika uffiċjali. L-ESS għandha tmexxi l-isforzi biex tesplora opportunitajiet ġodda u tadatta l-oqfsa tal-kwalità tagħha. Barra minn hekk, f'xi pajjiżi, il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni jimplika t-trasferiment ta' responsabbiltajiet lill-awtoritajiet reġjonali u lokali. L-uffiċji nazzjonali tal-istatistika f'pajjiżi bħal dawn għandhom ikunu mgħammra bi rwol qawwi ta' tmexxija u setgħat ta' koordinazzjoni effettivi biex ikunu jistgħu jżommu mal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea.

Il-kredibilità tat-teħid tad-deċiżjonijiet skont l-evidenza hija mibnija fuq il-fiduċja fl-oġġettività u l-integrità tal-istatistika uffiċjali. Għalhekk, il-perċezzjoni tal-kwalità tal-istatistika hija ta' importanza kbira fl-Istati Membri tal-UE. F'dan il-kuntest, l-ESGAB ihegġegħ lill-Gvern Grieg jibni attivament u jżomm klima ta' fiduċja fis-Sistema Statistika Ellenistika. Iż-żamma tal-ELSTAT fi triqitha lejn l-indipendenza professjonali hija importanti ħafna biex jiġu evitati li jerġgħu jseħħu l-avvenimenti ta' bejn l-2000 u l-2009 .

Fl-aħħar nett, parti mir-rapport hi ddedikata lill-monitoraġġ tal-progress tal-Eurostat dwar azzjonijiet ta' titjib li ġejjin minn rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni bejn il-pari tas-sena li għaddiet; l-Eurostat jidher li jinsab fit-triq it-tajba bil-pjan ta' titjib. Madankollu, l-ESGAB iżomm il-pożizzjoni tiegħu dwar rakkomandazzjonijiet suġġetti għal fehma diverġenti¹ fir-rigward tar-reklutaġġ u t-tkeċċija tad-Direttur Ġenerali tal-Eurostat u l-maniġment superjuri.

¹ Jekk jogħġbok ara t-Taqsima 3.1 tar-rapport

Aktar tagħrif

Ir-rapport tal-2015 tal-ESGAB b'sommarju eżekuttiv qasir jinsab fil-paġna ewlenija tal-ESGAB (<http://ec.europa.eu/esgab/>).

Kuntatt għall-assistenza lill-midja

Biex tagħmel appuntament għal intervista mal-President tal-ESGAB, is-Sur Martti Hetemäki, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Segretarjat tal-ESGAB: Heli Lehtimäki (estat-esgab@ec.europa.eu), tel. +352 4301-36484.

Dwar l-ESGAB

L-ESGAB² jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika. Il-ħidma tal-ESGAB għandha l-għan li ttejjeb l-indipendenza professjonali, l-integrità u l-kontabilità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, li huma elementi ewlenin fil-Kodiċi, kif ukoll il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESGAB għandu seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tnejjija ta' rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi mill-Eurostat u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika b'mod ġenerali. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar miżuri xierqa biex teħfief l-implimentazzjoni.

Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea (il-Kodiċi)

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea³ tiffissa l-istandards għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. Dan jibni fuq definizzjoni komuni tal-kwalità tal-istatistika użata fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, magħmul minn awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat). Il-Kodiċi huwa strument awtoregulatorju li fih 15-il prinċipju li jindirizzaw l-ambjent istituzzjonali li fih joperaw l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u tal-UE, kif ukoll il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. L-implimentazzjoni tiegħu hija appoġġata minn sett ta' indikaturi ta' prattika tajba għal kull wieħed mill-prinċipji.

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika⁴ (l-ESS) hija sħubija bejn l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, li hija l-Kummissjoni (l-Eurostat), u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea.

Evalwazzjonijiet bejn il-pari

L-evalwazzjonijiet bejn il-pari⁵ huma parti mill-istrategġija tas-Sistema Statistika Ewropea biex jimplementaw il-Kodiċi ta' Prattika. L-għan huwa li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u l-kontabilità tal-awtoritajiet tal-istatistika tal-ESS. L-ewwel ċiklu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari sar fl- 2006-2008; it-tieni ċiklu, li tnieda f'Diċembru 2013, għadu għaddej. Iż-żewġ fażijiet jkopru l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA kollha. Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) wettaq reviżjoni bejn il-pari tal-Eurostat billi juża l-metodoloġija żviluppata għall-evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-NSI, b'xi adattamenti li jirriflettu l-ispeċifitajiet tal-Eurostat.

² <http://ec.europa.eu/esgab>.

³ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/european-statistics-code-of-practice>.

⁴ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/european-statistical-system/overview>.

⁵ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/peer-reviews>.